**QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**Maġistrat Dr. Jean Paul Grech B.A., LL.D**
**M.Juris (Int. Law), Adv. Trib. Eccl. Melit**

**SENTENZA**

Mogħtija illum il-Ħamis, sitta (6) ta' Marzu 2025

Kawża Nru 4/2025

**Il-Pulizija**
***(Spettur Josef Gauci)***

Vs

**Jeremy Rapa**

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba kontra **Jeremy Rapa**, iben Anthony u Marie Luise nee Gauci imwieled Rabat, Għawdex nhar il-ħamsa u għoxrin (25) ta' Lulju 1991 u residenti fi Twilight Court, Block A, Maisonette 2, Triq Wied is-Simar, Qala, Għawdex talli nhar id-disgħa u għoxrin (29) ta' Awissu

2024 għall-ħabta tas-sagħtejn neqsin disa' minuti ta' wara nofsinhar (13:51hrs) ġewwa Triq il-Wardija, Qala, Għawdex:

(1) saq il-vettura ta' għamla Nissan bin-numru tar-reġistrazzjoni FGV 629 b'manjiera traskurata, perikoluża u bla kont.[1]

Rat l-affidavits u d-dokumenti kollha esebiti;

Semgħet ix-xhieda prodotti;

Semgħet ix-xhieda tal-akkużat li minn jeddu u b'mod volontarju ħa l-pedana tax-xhieda;

Semgħet is-sottomissjonijiet tal-partijiet;

Ikkunsidrat;

Illi l-fatti f'dan il-każ huma s-segwenti: nhar id-disgħa u għoxrin (29) ta' Awissu 2024 il-Pulizija ġiet infurmata permezz ta' *email* li kien hemm persuna li ġiet milquta b'vettura ġewwa l-Qala, Għawdex. L-*email* kienet miktuba minn ċertu Dariusz Wisniowski. Fl-email tiegħu huwa sostna li kien safa milqut minn vettura tal-għamla Nissan bin-numru tar-reġistrazzjoni FGV 629 f'post ta' parkeġġ quddiem id-dar tar-residenza tiegħu. Wisniowski sostna mal-Pulizija li l-inċident seħħ waqt li vettura

[1] Artikolu 15(1)(a) tal-Kap. 65.

tiegħu kienet qed tiġi ittowjata għal għand il-mechanic. Hekk kif il-vettura tneħħiet, Wisniowski sostna li huwa kien se jħarrek vettura oħra tiegħu għal ġewwa dan il-parkeġġ li sa ftit qabel kien qiegħed jiġi okkupat mill-vettura l-oħra tiegħu li ġiet irmunkata għal għand il-mechanic. Ix-xufier tal-vettura Nissan ried jipparkja ġo dan l-ispazju iżda Wisniowski infurmah li huwa kien se jipparkja vettura oħra tiegħu stess. Skont Wisniowski, ix-xufier injora dan kollu u b'aggressjoni saq il-vettura tiegħu għal ġewwa dan il-parkeġġ, laqat lil Wisniowski u dan tal-aħħar waqa' fl-art.

Il-Pulizija stabbiliet li sid il-vettura kien ċertu Jeremy Rapa. Huwa ġie mitlub jattendi l-Għassa tar-Rabat, Għawdex sabiex jiġi mitkellem dwar dan ir-rapport. Wara li ingħata d-drittijiet legali tiegħu u wara li ikkonsulta mal-legali tal-fiduċja tiegħu, Rapa stqarr li huwa kien qed isuq, ra parking vojt, daħħal ir-reverse fil-vettura, iċċekkja li ma kien hemm ħadd warajh u ipparkja. Kif ipparkja ħareġ raġel u beda jgħajjat li kien laqtu waqt li Rapa kien qed jirriversja.

Għalkemm Wisniowski ġie mitlub jgħaddi lill-Pulizija ċertifikat mediku tal-ġrieħi li kien ġarrab per konsegwenza ta' dan l-inċident, huwa infurmahom li ma kienx sejjer jgħaddi dan iċ-ċertifikat għaliex ma weġġax.

Ikkunsidrat;

F'din il-kawża l-Qorti hija rinfaċċjata b'żewġ verżjonijiet dijamettrikament opposti għal xulxin. Min-naħa waħda r-raġel li għamel ir-rapport isostni li huwa kien indika lill-akkużat li kien se jipparkja l-vettura tiegħu f'post ta' parkeġġ partikolari iżda l-akkużat ġie jaqa' u jqum min dan u saq għal fuq Wisniowski li kien jinsab fl-istess parkeġġ. Min-naħa l-oħra hemm il-verżjoni tal-akkużat li jinsisti li huwa ra parkeġġ vojt, daħħal ir-reverse, ra li ma kien hemm ħadd u ipparkja l-vettura tiegħu. F'dan il-mument ħareġ Wisniowski u beda jgħid li l-akkużat kien laqtu.

Il-fatt li hemm żewġ verżjonijiet kunflinġenti ma jfissirx b'mod awtomatiku li l-Qorti għandha sempliċiment tiddisponi minn dan il-każ billi tirrileva li hemm kunflitt tal-provi u konsegwentement tgħaddi sabiex tillibera. Il-Qorti hija obbligata li tevalwa x-xhieda biex tara liema mill-verżjonijiet hija l-aktar kredibbli u tara jekk abbażi tax-xhieda li tirriżulta l-aktar kredibbli tistax tasal għal xi dikjarazzjoni ta' ħtija jew le.

Il-Qorti fliet fid-dettal il-verżjonijiet mogħtija u tqis li l-verżjoni mogħtija minn Wisniowski m'għandhiex daqstant mill-kredibbli. Din il-Qorti waslet għal din il-konklużjoni wara li għamlet is-segwenti kunsiderazzjonijiet:

(a) mix-xhieda ta' Wisniowski jirriżulta li l-parkeġġ in kwistjoni kien okkupat minn vettura tiegħu stess, li tneħħiet minn tow truck. Għalkemm ix-xhud jistqarr li dan it-tow truck kien għadu hemm

x'ħin wasal l-akkużat,[2] fix-xhieda tiegħu l-akkużat jistqarr li huwa ma ra l-ebda tow truck. Wisniowski jgħid li huwa kien fil-proċess li jħarrek il-vettura l-oħra tiegħu biex ineħħieha minn quddiem garaxx ta' terzi persuni. Il-vettura l-oħra kienet ftit passi bogħod mill-parkeġġ in kwistjoni. La darba kien fil-proċess li jħarrek il-vettura l-oħra u din kienet ftit passi bogħod, bil-fors li għal xi ħin Wisniowski ma kienx qiegħed f'dan il-parkeġġ partikolari. Ma rriżultax li kien hemm xi ħadd ieħor li mar biex iħarrek il-vettura l-oħra ta' Wisniowski u dan tal-aħħar qagħad fil-parkeġġ biex jirriżerva l-istess parkeġġ. Fil-fehma tal-Qorti din għalhekk tikkonferma l-verżjoni tal-akkużat li fil-mument li huwa ipparkja l-vettura, ma kien hemm ħadd fil-parkeġġ;

(b) fl-email oriġinali tiegħu lill-Pulizija – liema email inkitbet ftit aktar minn siegħa wara li seħħ l-allegat incident għaliex skont Wisniowski ma kien mar l-ebda uffiċjal tal-Pulizija fuq il-post wara li kien għamel kuntatt telefoniku mal-Pulizija – ix-xhud isostni biss li l-akkużat allegatament saq għal fuqu b'aggressjoni kbira u waqqgħu mal-art. Fin-notamenti li imbagħad ix-xhud tella' miegħu biex jixhed fuqhom għas-seduta tal-wieħed u tletin (31) ta' Jannar 2025, x-xhud l-istorja iżejjinha aktar. Infatti huwa jgħid hekk:

[2] Fol. 27 tal-proċess.

*"The perpetrator which hitting me, waiting to park his car, in this space, I was informed him that I moving my other car for this place and I'll make room for him right away so he can easy park his car. But his reaction was aggressive and even provoked a fight,*

***The driver, being informed by me, seeing me, being aware of the situation, drove the car straight at me, seeing me fall to the ground. I loudl screamed that he hit me, the driver did not stop until he parked the car… At one point I realised that I was lying on the ground under the bumper of his car and I was beaten up. I got up and started shouting what he did, then I took out my phone and started recording the event.****"*[3] (Enfażi tal-Qorti)

Din il-Qorti ma tifhimx kif dan ir-rakkont daqshekk dettaljat ta' dak li allegatament kien seħħ ma ingħatax lill-Pulizija siegħa wara l-inċident iżda ingħata diversi xhur wara meta l-persuna involuta ġiet biex tagħti d-deposizzjoni tagħha. Wieħed irid iżomm f'moħħu li x-xhud ta l-verżjoni tiegħu bil-miktub permezz ta' email lill-Pulizija u mhux mal-*counter* fl-Għassa tal-Pulizija. Għalhekk kellu kull opportunita li jniżżel kull dettal u żgur li ma kienx hemm ċirkostanzi li forsi setgħu jġagħlu lil dak li jkun jaqta' fil-qasir. Fil-verżjoni tal-Qorti, ix-xhud jagħti x'jifhem wkoll li huwa intlaqat u li l-istess akkużat kompla jsuq għal fuqu sakemm ipparkja l-

[3] Fol. 31 tal-proċess.

vettura, punt fundamentali li lill-Pulizija fl-ewwel verżjoni li tahom ma indikahx. Dan ma kienx xi dettal li wieħed faċli jinsieh;

(c) minn qari tan-notamenti tax-xhud, liema notamenti huwa ippreżenta waqt ix-xhieda tiegħu, jidher li kien hemm spazju ieħor fejn setgħu ġew ipparkjati l-vetturi. Infatti l-istess xhud jistqarr kif kien indika lill-akkużat li kien se jħarrek il-vettura l-oħra tiegħu biex jagħmillu spazju biex jipparkja. Dan ifisser li ma kien hemm l-ebda raġuni biex ix-xhud joqgħod iħaqqaqha fuq dan il-parkeġġ partikolari mal-akkużat għaliex skont kliemu stess kien hemm post ieħor ta' parkeġġ li kien disponibbli. Allura jekk il-parkeġġ li kien żvojta kien se jittieħed mill-akkużat, ix-xhud skont kliemu stess, xorta kien se jibqagħlu post ieħor fejn jipparkja t-tieni vettura tiegħu. Dan isaħħaħ il-konvinzjoni tal-Qorti li dan ir-rapport sar għaliex ix-xhud deherlu li huwa kellu xi dritt sagrosant jipparkja f' dan il-parkeġġ partikolari viċin ir-residenza tiegħu – minkejja li kif jistqarr huwa stess dan huwa parkeġġ li jista' jużah kullħadd – u li l-akkużat ma kellu l-ebda dritt biex jipparkja l-vettura tiegħu f'dan l-istess parkeġġ;

(d) Din il-Qorti issibha diffiċli biex temmen kif ix-xhud intlaqat minn vettura u ma soffra l-ebda ġrieħi. A *tempo vergine*, ix-xhud stqarr li l-akkużat saq fid-direzzjoni tiegħu b'aggressjoni kbira. Infatti fl-*email* li huwa kiteb lill-Pulizija jispeċifika *"With great aggression*

*he drove into me knocking me down on the street."*[4] Jkompli jgħid fl-istess email: *"I officially ask you to accept my report as a person* ***<u>injured in a road accident</u>****."*[5] (Enfażi tal-Qorti) Madanakollu meta l-Pulizija ippressatu biex iġib ċerifikat mediku biex ikun hemm konferma tal-ġrieħi li dan ġarrab, ix-xhud ma ippreżenta l-ebda ċertifikat mediku għax sostna li ma kien ġralu xejn. Dan huwa indikattiv li fil-verita ma kien hemm l-ebda kuntatt bejn ix-xhud u l-vettura misjuqa mill-akkużat: aspett li jkompli jikkonferma kif fil-verita x-xhud ma kienx fil-parkeġġ in kwisjtoni meta l-akkużat kien qed jipparkja;

(e) fl-aħħarnett il-Qorti tinnota kif minkejja li l-akkużat kellu kull dritt li jibqa' sieket, huwa għażel li jagħti l-verżjoni tiegħu dwar kif seħħ l-allegat incident. Din il-verżjoni l-akkużat taha kemm lill-Pulizija kif wkoll quddiem din il-Qorti. Din il-Qorti setgħet tinnota kif l-akkużat fiż-żewġ okkażżjonijiet kien konsistenti fir-rakkont tiegħu dwar kif żviluppa l-każ max-xhud. Tenut kont dak li ingħad hawn fuq, dan jagħmel il-verżjoni tal-akkużat ferm aktar kredibbli minn dik ta' Wisniowski.

Il-Qorti għalhekk ma tqisx li l-akkużi fil-konfront tal-akkużat ġew issostanzjati b'xi mod.

- **<u>Decide</u>**

---

[4] Fol. 5 u 14 tal-proċess.

[5] Fol. 14 tal-proċess.

Għaldaqstant għal dawn il-motivi il-Qorti **<u>mhux qiegħda issib lill-akkużat ħati</u>** tal-akkużi miġjuba fil-konfront tiegħu u qiegħda tilliberah minn kull ħtija u piena.

(ft.) Dr. Jean Paul Grech
Maġistrat

(ft.) Diane Farrugia
Deputat Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur